MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 722/2001/1

**Tereza mart Joseph Farrugia u Maria mart Emanuel Camilleri**

**vs**

**Giuseppe Camileri, Carmelo Camilleri u Joint Office**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Marzu, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat id-9 t'Awissu tas-sena 2001 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Jigi dikjarat u deciz illi l-art maghrufa bhala Ta' Rikaja sive Ta' l-Akacja fil-limiti ta' Triq Wardija, Wardija, Burmarrad ta' circa hamest itmiem kienet imqabbla minn ommhom Margerita Camilleri, mill-konvenut Joint Office jew l-antekawza minnhom bil-qbila ta' hames liri fis-sena hija issa mqabbla lill-kontendenti l-ohra kollha;

2. Tiddiviedi f'erba' prozjonijiet ugwali l-art imqabbla m'ghand il-kontendenti u cioe' l-art ta' Triq il-Wardija, Wardija, Burmarrad biex b'hekk kull wiehed u wahda minnhom ihallsu sehemhom mill-qbila lill-konvenuta Joint Office u dan jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tassenja porzjon ugwali bejn il-kontendenti ahwa Camilleri bl-ambjenti maghhom;

4. Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

5. Il-valur lokatizzju ma jeccedix hames liri;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata is-17 ta' Settembru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuti ecceppew is-segwenti:

1. Illi, preliminarjament, l-azzjoni attrici hija irrita u inammissibbli stante illi m'huwiex konsentit illi tintalab divizjoni ta' parti mill-assi ta' eredita' imma se mai jrid jintalab id-divizjoni ta' l-eredita' intiera;

*2.* Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, imma dejjem in via preliminari l-azzjoni attrici hija wkoll irrita u inammissibbli stante illi permezz ta' Citazzjoni numru 793/00 RCP ipprezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, l-atturi odjerni flimkien ma' huthom u parenti ohrajn istitwew kawza ta' divizjoni kontra l-konvenuti u Vincent Camilleri u m'huwiex konsentit fid-dritt illi l-atturi jippromwovu kawza dwar l-istess meritu quddiem zewg Qrati diversi fl-istess hin "*selecta una via non datur recursus ad alteram";*

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, illi l-gudizzju ma huwiex integru stante illi hemm eredi ohra ta' Margerita Camilleri illi ma gewx debitament ingunti f'dan il-gudizzju;

4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, m'huwiex minnu illi l-art imsemmija fl-Avviz fi Triq il-Wardija, Burmarrad, ta' cirka hames itmiem kienet imqabbla lil omm l-atturi u l-konvenuti, Margerita Camilleri;

5. Illi, subordanitament u minghajr ebda pregudizzju, jekk *dato ma non concesso* jirrizulta illi din il-qbiela kienet tifforma parti mill-eredita' ta' missier l-atturi u l-konvenuti Mikelangelo Camilleri, allura l-azzjoni odjerna *qua* azzjoni *ereditatis* hija preskritta bil-preskrizzjoni decennali;

6. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, ghar-ragunijiet fuq imsemmija wkoll, m'ghandux ikun hemm id-divizjoni kif mitluba fic-Citazzjoni;

7. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, ma huwiex minnu illi l-art hija mqabbla bil-qbiela ta' hames Liri Maltin (Lm500.00,0) fis-sena;

8. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, il-konvenut Carmelo Camilleri jgawdi esklussivament titolu ta' qbiela 'l fuq minn tletin (30) sena u ghalhekk ukoll it-talbiet attrici ma humiex legalment ammissibbli;

9. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, fid-data tal-mewt ta' Mikelangelo Camilleri, kien jabita ma' l-istess Mikelangelo Camilleri l-konvenut Giuseppe Camilleri u dan igawdi dritt ta' preferenza. Sussegwentement, l-imsemmi Giuseppe Camilleri kien ceda d-dritt ta' qbiela tieghu lill-konvenut l-iehor Carmelo Camilleri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi qabel ma jigi azzardat analizi fattwali tal-meritu tal-procedura odjerna hu ghaqli analizi, ghalkemm ovvjament sommarju kif rikjest mill-ligi f'dan l-istadju, tal-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti nomine;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari, dik li tissolleva l-irritwalita' u l-inammissibilita' tal-procedura odjerna biss ghaliex qed tintalab divizjoni parzjali u mhux intiera ghandu jinghad li din il-kwistjoni gia' giet gudizzjarjament determinata u din il-qorti ma tistax hlief tiehu konjizzjoni ta' l-istess u tibbaza d-decizjoni taghha fuq l-istess direzzjoni;

Illi qed issir referenza ghad-decizjonijiet sollevati mill-konvenuti, (ara fol 119), u konsegwentement, filwaqt li din il-qorti qed taghmel taghha l-insenjamenti hemm riprodotti tiddikjara li divizjoni parzjali m'hix ammissibbli;

Ikkunsidrat:

Illi rigward it-tieni eccezzjoni preliminari rigwardanti l-eredita' pretiza mill-partijiet fil-kawza u ohrajn li jirrizulta li mhux qed jippartecipaw, jirrizulta li hemm gia' proceduri pendenti quddiem qrati ohra li ghad ma gewx debitament konkluzi u konsegwentement il-procedura odjerna tirrizulta irrita u intempestiva;

Ikkunsidrat:

Illi rigward it-tielet eccezzjoni, dik rigwardanti l-integrita' tal-gudizzju stante li l-persuni involuti fl-azzjoni odjerna ma jirrispekkjawx l-eredi kollha reali jew presunti ghandu jinghad li l-integrita' tal-gudizzju, anke fil-kawza odjerna, jirrikjedi li l-eredi kollha li l-partijiet jafu bihom ghandhom ikunu inkluzi, u dan anke biex jigu evitati proceduri inutili u dispendju finanzjarju bla razan;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont ta' l-analizi procedurali fuq indikat din il-qorti allura takkolji l-eccezzjonijiet preliminari fuq indikati sollevati mill-konvenuti, tiddikjara l-azzjoni odjerna inammissibbli, bl-ispejjez kontra l-atturi."

Il-gravami tal-atturi fil-konfront ta' din is-sentenza huma s-segwenti:-

1. L-ewwel Qorti ma kienetx korretta li tasal ghall-konkluzjoni li waslet fiha meta naqset li taghmel id-distinzjoni bejn drittijiet reali u drittijiet personali. Huma jissottomettu illi d-divizjoni minnhom mitluba fl-azzjoni promossa minnhom tirrigwarda dritt personali ta' qbiela li kellha omm il-kontendenti.
2. Ergo jikkontendu wkoll illi ghall-istess motiv l-ewwel Qorti ma messhiex lanqas laqghet it-tieni eccezzjoni. Huma jsostnu f'dan il-kuntest illi l-proceduri inizzjati quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn qed jintalab il-likwidazzjoni u l-qasma tas-sustanzi ereditarji provenjenti mill-gid tal-genituri ma humiex ta' ostakolu ghall-istanza prezenti;
3. Hekk ukoll l-ewwel Qorti ma kellhiex takkolji t-tielet eccezzjoni tan-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju in kwantu l-ulied imsefrin ta' Margherita Camilleri ma ghandhomx dritt, bl-operat tal-Kap 199, ghall-kirja tal-ghalqa in ezami u kwindi ma kienx mehtieg li jkunu parti fil-kawza.

Ghall-obbjezzjonijiet fuq esposti l-konvenuti wiegbu b'dawn il-konsiderazzjonijiet:-

1. Id-distinzjoni avvallata mill-atturi appellanti dwar drittijiet reali jew personali hi wahda irrilevanti. Huma jissottomettu illi dak li invece kellu jitqies rilevanti ghall-iskop tal-eccezzjoni hu jekk setghetx tintalab divizjoni parzjali meta kif mistqarr sahansitra mill-istess appellanti jezistu assi ohra fil-massa ereditarja.
2. L-istess distinzjoni maghmula mill-appellanti hi wkoll immaterjali ghall-finijiet tat-tieni eccezzjoni. Huma jsostnu illi gjaladarba l-atturi kienu gja pprosegwew bi proceduri ghad-divizjoni quddiem Qorti ohra ma setghux imbaghad

fil-pendenza ta' dawn l-istess proceduri jeleggu li jaghmlu proceduri ohra ta' divizjoni ta' ass partikolari kostitwenti parti mill-istess eredita`.

3. Fir-rigward tat-tielet aggravju huma jikkontendu illi, gjaladarba, kif formulata, l-azzjoni hi tendenti ghall-qasma ta' proprjeta` gja mqabbla lill-ommu kellu jkun evidenti illi ghall-integrita` tal-gudizzju l-ulied kollha, werrieta taghha, kellhom ikunu parti fil-proceduri.

Premessi l-posizzjonijiet rispettivi tal-kontendenti din il-Qorti tibda biex tosserva illi sincerament ma tistghax tifhem f'hiex ticcentra f'din il-materja d-distinzjoni propunjata mill-appellanti dwar drittijiet reali u drittijiet personali. Din id-distinzjoni kienet forsi taghmel sens kieku giet sollevata eccezzjoni dwar il-kompetenza tal-Qorti, kif gja kellha okkazjoni din l-istess Qorti tirraviza fid-decizjoni taghha fl-ismijiet "**Alfred Agius et –vs- Peter Montebello**", 14 ta' Jannar 2004. Proprju f'din is-sentenza l-Qorti, bl-adezjoni tar-ragonament zvolt fid-decizjoni a **Vol XXXIX pII p730**, kienet dahlet fl-aspett tad-differenza bejn l-azzjonijiet personali u dawk reali. Il-materja de qua hi alkwantu distinta mill-meritu ta' dik l-ohra appena accennata fejn insorgiet kwestjoni ta' kompetenza, dak li ma jirrizultax li hu l-kaz hawnhekk.

L-atturi appellanti fittxew lill-konvenuti sabiex jottjenu divizjoni ta' ghalqa partikolari mqabbla li kienet gejja mill-wirt tal-omm tal-partijiet fil-kawza. Fiha l-konvenuti eccipew in linea preliminari li mhiex possibbli divizjoni parzjali. F'dan allura kienet tikkonsisti l-obbjett tad-domanda tal-atturi, u dik tad-difiza sostenuta mill-konvenuti appellati.

Indubbjament l-eccezzjoni moghtija hija l-effett tar-regola tal-azzjoni "familae erciscundae" tad-dritt Ruman li bis-sahha taghha ma jistghux jigu spigolati beni individwali ndivizi ghall-finijiet ta' divizjoni parzjali. Hekk gie dikjarat fis-sentenza fl-ismijiet "**Maria mart Edgar Vassallo et –vs- Emmanuele Vella**", Appell, Sede Inferjuri, 12 ta' Marzu 1979 fejn a propozitu fiha l-atturi kienu qed jitolbu dikjarazzjoni li l-konvenut okkupa abuzivament bicca raba li kienet f'idejn missierhom bi qbiela minghand il-Gvern u

fejn kien hemm qbil ukoll illi l-wirt tieghu kien ghadu mhux likwidat u diviz.

Kif jinghad fid-decizjoni a **Vol XXX pII p203** l-“actio familae erciscundae” tolqot “omne jus quod defunctus habuit” u dan bla distinzjoni jekk kienx dritt personali jew ‘in rem’. Li jfsiser li fil-likwidazzjoni jidhlu l-assijiet kollha kemm jekk b’titolu ta’ proprjeta` jew ta’ kera. Ghaldaqstant “mhux lecitu li wiehed jispigola parti minn assi ereditarju u jitlob gudizzju fuq dawk il-beni hekk spigolati u singoli imma ghandu jitlob il-likwidazzjoni tal-assi kollha” (Kollez **Vol XXXVI pI p375** u **Vol XXIX pI p1203**). Dan sahansitra “sal-punt li ma humiex permessi procedimenti separati, lanqas preamboli jew preparatorji, fuq sustanzi komponenti l-istess wirt” (Kollez **Vol XXXVI pII p540**).

Kif jinsab ukoll pacifikament akkolt fuq l-insenjament tal-**Laurent** (“Principii di Diritto Civile” Vol X para 291) “l-uniku mezz li kien ikun validu ghall-effettwazzjoni ta’ qasma parzjali kien ikun il-kunsens unanimi tal-kollitigianti – f’liema kaz biss ir-regola li divizjoni parzjali mhix ammissibbli ccedi l-kamp di fronte ghall-volonta` unanimi ta’ l-interessati” (Kollez **Vol XXXV pI p458**).

Abbraccjati l-principji appena delinejati din il-Qorti jekk trid tista’ tieqaf hawn billi mhux il-kaz illi konfermata l-validita` tal-ewwel eccezzjoni tinoltra ruhha fl-eccezzjonijiet jew l-aggravji l-ohra dwarhom. Izda anke kieku kellha din il-Qorti tokkupa ruhha minnhom l-istess aggravji ma kien jimmeritahom l-ebda akkoljiment.

Huwa presuppost illi meta l-atturi appellanti ghamlu l-ghazla li jfittxu lill-eredi l-ohra ghal firmazzjoni tas-sustanzi ereditarji u tal-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-istess permezz tal-procedura ntavolata minnhom quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili huma gew li rrinunzjaw ghall-azzjonijiet ohrajn, la darba l-azzjoni de quo ma tistax titqies mezz subordinat ghall-ohra sabiex jaslu ghar-rizultament ta’ azzjoni li wara kollox ghandha skop komuni.

Kif jinghad fis-sentenza riportata a **Vol XLIII pI p55**, “il-principju tal-“Electa una via” li mhux miktub f’termini generali u pozittivi f’ebda ligi, sew antika sew gdida, gie mill-interpreti tad-Dritt Ruman affermat bhala konsegwenza ta’ hafna testi partikulari, li kienu assumewh bhala regola ta’ dak li kien gie dispost minnhom. Skond dawn l-istess testi differenti, dawk li nterpretaw l-istess Dritt Ruman holqu l-principju li fil-konkors alternattiv ta’ hafna azzjonijiet, l-ezercizzju ta’ wahda minnhom tolqot u testingwi l-azzjonijiet l-ohra.”

Maggorment, imbaghad, fil-kaz in disamina, minn dak gja ravvizat fil-kaz tal-ewwel aggravju, l-atturi ma kienx konsentit lilhom allura mhux biss li jipproponu azzjoni ta’ divizjoni parzjali izda lanqas li jergghu lura fuq il-passi taghhom stess billi jipproponu azzjoni separata minn dik minnhom inizjata quddiem Qorti ohra. Qorti li del resto ser tokkupa ruhha wkoll certament mill-kwestjoni de quo agitur.

Fil-kaz tal-ahhar aggravju ghandu jinghad illi gjaladarba si tratta minn kwistjoni li l-meritu taghha jirrigwarda divizjoni ta’ wiehed mill-assi, il-presenza fil-proceduri tal-ulied kollha kompartecipi u interessati fl-eredita` hi essenzjali. Dan indipendentement minn kull xorta ta’ difiza jew reklam ta’ pretensjonijiet li uhud minnhom jistghu jivvantaw fir-rigward ta’ xi ass partikolari.

Kif spjegat fis-sentenza fl-ismijiet “**Victor Zahra Dedomenico –vs- Alfred Zahra Dedomenico**”, Appell, 15 ta’ Jannar 1992, “ir-ragion d’essere ta’ eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ integrita` tal-gudizzju tistrieh fuq tliet konsiderazzjonijiet principali: l-ewwel wahda hija li, ghall-ahjar gudizzju tal-Qorti, ghandhom jippartecipaw fih dawk kollha li huma nteressati, it-tieni, sabiex tigi assigurata kemm jista’ jkun l-effikacita` tal-gudizzju, in kwantu dan jorbot biss lil dawk il-persuni li jkunu pparticipaw fl-istess gudizzju; u t-tielet, biex jigi rispettat il-principju tal-ekonomija tal-gudizzju sabiex ma jkunx hemm il-bzonn li l-istess procedura tigi ripetuta kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawzi billi dawn ma jkunux hadu parti f’gudizzju wiehed … …”

Dan precizat, il-Qorti ma tarax il-htiega ta’ ebda kumment ulterjuri.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-aggravji kollha sollevati f’dan l-appell u b’hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez tal-prezenti istanza jibqghu a karigu tal-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------